MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2004

Numru. 301/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Marthese Micallef)**

**vs**

**Jeffrey Agius ta' 22 sena, iben John Mary u Antonia nee Zammit, imwieled Pieta' fid-9 ta' Mejju, 1981, u li joqghod 36, Triq Sant'Anton Abbati, Mosta, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 234381M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Jeffrey Agius li gie akkuzat talli f'Ta' Qali u f'dawn il-gzejjer fis-7 ta' April, 2004, ghall-habta tad-disa' ta' filghaxija

(a) ikkommetta serq ta’ sigar mill-park nazzjonali ta’ Qali, ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta kif ukoll ghad-detriment tal-Malta Tourism Authority, liema seq huwa aggravat bil-hin u bil-lok.
(b) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f’Malta, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod ikun indahal jew ibieghu jew imexxih.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri kif ukoll li fi zmien bikri ta’ l-interrogatorju hu rregistra ammissjoni ghall-ewwel akkuza kif dedotta. Tqis li t-tieni akkuza hija wahda alternattiva.

Ghaldaqstant qed issibu hati ta’ l-ewwel akkuzi u cioe ta’ serq aggravat wara li rat l-artikolu 261, 276, 278 tal-kapitlu 9. Rat il-fedina penali tieghu. Rat li r-res furtiva giet ritornata.
Tqis li ghandha tapplika l-liberazzjoni kundizzjonata ai termini tal-Artiklu 22 tal-Kapitlu 446, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------